**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' Titolu 1-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' 1-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki ,tal-Karreġġata, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-l ta' Awissu, 1997.

**2.** Fit-taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali Jemenda fil-paragrafu D tagħha, minnufih wara s-subparagrafu (d) għandu jidħol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(e) Is-sinjal li jindika TOW ZONE (Żona ta' Rmonk) f'Nru. (10) juri li oġġett ta' ingombru ikun ipparkjat jew imħolli f'żona fejn jista' jiġi rmunkat. L-Għassa tal-Pulizija u n-Numru tat-Telephone ta' dik l-Għassa, li jkunu jvarjaw, jindikaw skond il-każ il-proċeduri li jkunu jridu jiġu segwiti għat-teħid lura ta' dak l-oġġett.

Is-sinjal li jindika CLAMPING ZONE (Zona ta' Klampjar) f'Nru. (11) juri li l-vettura bil-mutur tkun ipparkjata jew imħollija f'zona fejn jistgħu jitwaħħlulha klampi mar-roti. Avviż li jkun jindika l-proceduri li jkunu jridu jiġu segwiti għat-tneħħija tal-klamp jitwaħħal mal-*windscreen* tal-vettura bil-mutur.
Fiż-żewġ każijiet, iż-żona dejjem tiġi ndikata bħala żona fejn MA TISTAX TIEQAF.

(10)




(11)



# WE CAN HELP YOU SEE THINGS CLEARLY



**For all types of cleaning in Showrooms, Hotels, factories, Schools, Houses, Flats, Colleges & Shops, as well as any other establishment you may think of.**

**AFTER OFFICE HOURS CLEANING**

FOR FREE ESTIMATES CONTACT:-

**BAD BOY**

GENERAL CLEANERS LTD.

*Cleaning is our experience*

FLAT 2, HELENA FLATS, TRIQ IL-PRINJOLATA, TA'XBIEX MSD 12. TEL: 339820, 320442. FAX: 320459.

# CAROUSEL



## IMPORTER OF TOYS

CAROUSEL BLDGS, MORONI STR., GZIRA.

**JAVŻA LI GĦADHA KEMM WASLET KUNSINNA KBIRA U VARJATA TA' TOYS, BI PREZZIJIET LI JISTA' JILĦAQHOM KULLĦADD.**

**ASLU WASLS SAX-SHOWROOM BIEX TARAW INTOM STESS.**

IL-MANAGING DIRECTOR JAWGURA L-FESTI T-TAJBA LILL-KLIJENTI TIEGĦU W LILL-FAMILJI TAGĦHOM.

# HUMAN AGGRESSION

*by Inspector Mary Muscat*

**Definition**

The Penguin Dictionary of Psychology (198S) defines aggression as an extremely general term used for a wide variety of acts that involve attack, hostility, etc. Typically, it is used for such acts which can be assumed to be motivated by any of the following: a) fear or frustration; b) a desire to produce fear or flight in others; c) a tendency to push forward one' own ideas or interests.

Other definitions of aggression are forwarded by Berkowitz (1974) where aggression is "the intentional injury of or harm to another person." Bandura (1977) stated that aggression constitutes "injurious and destructive behaviour that is socially defined as aggressive on the basis of a variety of factors, some of which reside in the evaluator rather than the performer." In other words, aggression damages the victim and can have both positive and negative effects on the aggressor.

The origins of aggression can be both biological and psychological. Research so far has shown that there are two distinct forms of aggression:

**1) hostile aggression**

This type of aggression rests on the sole objective is to harm another. It is an instinct or a drive, largely determined by innate biological factors.

**1a)** Ethological definitions of aggression state that it has biological origins. Moyer (1971) listed a set of distinctive kinds of aggression which serve many social and individual functions (in animals and in humans), namely:

*i) predatory,*

*ii) intermale, enabling dominance hierarchies to be formed particularly among primates. Aggressive displays in animals are usually ritualized.*

*iii) fear-induced,*

*iv) irritable, alleviating the individual by removing frustrations through aggression; av.) territorial, ensuring that there is no physical intrusion inside fenceṡ*

*vi) defensive,*

*vii) maternal, as in protecting the young.*

All of these forms, except perhaps instrumental aggression, are unlearned stereotyped behaviours aroused by specific stimuli and controlled by neural systems and hormonal influences. As regards humans, Moyer concluded that most aggressive behaviour is probably learned and only weakly controlled unless, for instance, psychosurgery is applied to disturbed individuals (unlikely to be as successful in controlling destructive learned aggression as in war like situations). Ethological studies also imply that aggression can be reduced by removing the conditions which are believed to have started it, such as removing overcrowding (which increases aggression as it induces competition for food and hence survival of



the fittest).

**1b) Freud**

Freud called innate aggression and violence the death force, or Thanatos. The life instinct, Eros, and Thanatos are in conflict and the aggression needs to be allowed to vent itself. Usually this is possible through acceptable means such as sport or competitive business, but if the force is not socially dissipated it will come out in the form of violence, either directed to others or on oneself (suicide). Freud did not believe that aggression or self-destruction were the only effective ways of discharging the energy of the Thanatos. Both Freud and the ethologists have looked upon aggressive behaviours as drive-reducing and rewarding in their own right.

Later theorists in the psychoanalytic tradition broadened the frustration-aggression hypothesis by stating that whenever a person's effort to reach any goal is blocked, an aggressive drive is induced that motivates behaviour to injure the obstacle causing the frustration.

**2) instrumental aggression,**

In short, this type of aggression can be defined as using harm as a means to achieve another end.

In practice this distinction is very hard to make. It involves the learning of responses performed by influential models known as reinforced responding or operant aggression.

**2a) Social learning theorists**

The emphasis of social learning ċ observational ċ vicarious learning lies on the rewarding or punishing effect of aggressive behaviours in human societies. One of the major exponents of social learning is Bandura (1977). He argued that a person may not necessarily experience a situation to learn its effect (e.g. there is no need to be hit by a car to know that it hurts but seeing the result of a traffic accident is convincing enough) - by observing others a person becomes reinforced and imitates them. In fact, Bandura's experiment with school children watching a man kicking a Bobo doll (and either rewarding the aggressor with sweets or severely reprimand him for his behaviour) had initiated controversy over the damaging effects of watching violence on the media.

**Conclusion**

Besides the biological and psychological legacy, aggression is firmly embedded into our sociological structure through the mass media. Aggression is further enhanced through assertive-disguised defense strategies and foreign policies which our recent history has amply documented especially in the present century with the advent of two devastating World Wars.

On a more positive note, however, aggression on an individual level can be ultimately modified through the process of catharsis, in which an emotion is purged. In fact, social learning theorists also believe that aggressive behaviour is greatly modifiable in the same way as it is achieved, that is, through learning, only this time the contents that is absorbed has positive effects.


BIBLIOGRAPHY

FELDMAN, P., (1993) The Psychology of Crime Cambridge, Cambridge University Press.

FELDMAN, R.S., (199O) Understanding Psychology New York, McGraw-Hill Publishing Company.

LLOYD, P., MAYES, A., MANSTEAD, ASR., MENDELL, PR., WAGNER, HL., (1987) Introduction to Psychology An integrated approach London, Fontana.

REBER, AS., (198S) The Penguin Dictionary of Psychology London, Penguin

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

## GENERAL BUILDING CONTRACTORS



FORT ROAD, MOSTA, MALTA.

Telephone: 441132 - 440111

Cables: Limestone

# GHAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

Bill-permess tas-Sur Maurice L. Petrococchino, Teżorier tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani qed nippublikaw din l-offerta ta' "Insurance għall-Anzjani"

Bil-ħruġ tal-KARTANZJAN, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani ħareġ bajda b'żewġ isfra.

Ġew reġistrati l-anzjani ta' Malta u Għawex kollha u ġie pubblikat ktejjeb li fih lista sħiħa tal-benefiċċji li jgawdu dawk li għandhom il-Kartanzjan.

Issa żdied benefiċċju ieħor, benefiċċju li żgur sejjer jiġi milqugħ mill-maġġoranza— **insurance.**

**INSURANCE KONTRA L-ĦALLELIN**

Wara numru ta' serqiet minn djar ta' Anzjani, bdiet ħidma, li wara xhur ta' xogħol, seħħet bil-għajnuna tas-Sur Mark Scicluna ta' Bain Hogg Malta Ltd. Din sejra tkun il-ħruġ ta' polza bi ħlas raġonevoli li tkopri kemm ħsara fid-dar kif ukoll fl-għamara u kull ma jkun fiha l-istess dar.

Hemm tliet rati għal kull tip ta' polza:-

| **Valur** | **tad-dar** | **tal-Għamara eċċ** |
|---|---|---|
| Lm 5000 | Lm 5 | Lm 10 |
| Lm 10,000 | Lm 10 | Lm 19 |
| Lm 15,000 | Lm 15 | Lm 28 |

Rati oħra għal valuri differenti jistgħu jiġu negozjati skond l-ammont mal-Kumpanija Bain Hogg Malta Ltd.

**INSURANCE GĦAS-SAFAR**

Sal-lum, anzjan kien iħallas rata doppja biex jinxurja ruħu sakemm jagħlaq 75 sena u mbagħad ħadd ma kien ikoprieh.

Illum, bl-iskema l-ġdida ta' Bain Hogg Malta Ltd., wieħed taħt il-75 jista' jieħu insurance għad-dinja kollha, ħlief għall-Amerika u l-Kanada, b'rati tassew kompetittivi. Għal dawk iż-żewġ pajjiżi, ir-rata hija kemm kemm ogħla.

| **Jiem tal-Vjaġġ** | **Rata** |
|---|---|
| 7 jiem | Lm6.00 |
| 10 jiem | Lm7.50 |
| 18-il jum | Lm8.25 |
| 23 jum | Lm9.50 |

Ir-rati jibqgħu telgħin skond it-tul tas-safar.

**Il-polza tkopri:-**

| | |
|---|---|
| Mewt | Lm30,000 |
| Diżabilità permanenti | Lm30,000 |
| Spejjez ta' kura | Lm50,000 |
| Bagalji | Lm750 |
| Flus | Lm250 |
| Kanċellament jew tqassir | Lm750 |
| Danni lil terzi persuni | Lm500,000 |

**GĦAL ANZJANI TA' BEJN IS-76 SENA U T-80 SENA**

Rati doppji li jagħtu benefiċċji iżgħar; dan wara preżentazzjoni ta' ċerti ċertifikati.

| | |
|---|---|
| Mewt | Lm 1,000 |
| Spejjeż ta' kura | Lm 1,000 |
| Bagalji | Lm 500 |
| Flus | Lm 150 |
| Flus | Lm 250 |

Il-Kunsill tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ġiet mistiedna biex tibgħat rappreżentanti tal-Kunsill tagħha biex jattendu għall-Konferenza Nazzjonali organiżżata mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani flimkien mad-Diviżjoni tal-Ġerontoloġija ta' l-Universita ta' Malta. Bis-Suġġett:- INTEJBU SAHHET L-ANZJAN MALTI. Il-Programm kien jibda fid- 9 a.m. u jispiċċa fil-5.p.m. Id-Diskors tal-Ftuħ sar mill-Onor..Dr.Michael Farrugiav M.D;M.P. Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Affarijiet tal-Familja. Hadu parti kelliema importanti għas-suġġetti li tkellmu fuqom. Fiċ-Ċerimonja tal-Għeluq tkellem L-Onor.Dr.Louis Buhagiar ,M.D: F.R.C.P.(U.K.) M.P, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani.

Fl-aħħar tkellem fl-għeluq Uffiċjali l-L.T. Dr.Ugo Mifsud Bonnici, LL.D; B.A; K.U.O.M. President ta' Malta.

Għal din il-Konferenza attenda s-Segretarju s-Sur Louis Muscat f'isem l-Għaqda, li saret fil-Preluna Hotel, tas-Sliema.

Stedina oħra li kella l-Għaqda kienet biex tibgħat rappreżentanza għal Seminar ta' Jumejn li beda l-Erbgħa 1 ta' Ottubru u kompla il-Hamis 2 ta' Ottubru 97, li sar fil-Forum Hotel,Ta' L-Ibraġġ.

Dan kien organiżżat mill-Istitut Internazzjonali għall-Anzjani fi ħdan il-Ġnus Magħquda, b'kollaborazjoni mas-Segraterjat Par'amentari għad-Drittijiet tan-Nisa, bit-"TEMA NISA MALTIN LEJN IT-TIELET ETA"

Is-Segretarja Parlamentari għad-Drittijiet tan-Nisa Helena Dalli fetħet uffiċjalment dan is-Seminar billi spjegat li sas-sena 2020 għal kull 100 mara li jkunu f'pajjiżna se jkun hawn 86 raġel u fis-snin ta' wara n-numru ta' rġiel għal kull 100 mara se jkun ta' 48. Hija qalet ukoll li dak iż-żmien kwart tal-popolazzjoni Maltija tkun il-fuq minn 60 sena. Dan ifisser li 23% tal-popolazzjoni se tkun anzjana.

Id-Direttur ta' l-Istitut Internazzjonali għall-Anzjani, tal-Gnus Magħquda, Dr.George J.Hyzler M,D. qal li dan is-seminar qed isir bħala parti mill-attivitajiet li l-istitut flimkien mall-Ġnus Magħquda qed jorganiżżaw għas-sena 1999 bħala preparazzjoni tas-Sena Internazzjonali ta' l-Anzjani bit-tema' "Lejn Soċjeta għal kull età"

Kien hemm numru ta' kelliema b'suġġetti nteressanti ħafna.

Ikkonkluda is-Seminar Dr.J.Calleja, Principal Technical Officer, ta' L-Istitut Internazzjonali.

Fl-aħħar għamel l-għeluq Uffiċċjali l-Onor. Dr.Louis Buhagiar Segretarju Parlamentari għall-Anzjani.

Għal dan is-Seminar l-Għaqda kienet ippreżentata mis-Segretarju għal Finanzi s-Sur Louis Vella u l-Assistent Segretarju s-Sur John B. Azzopardi.

# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

**INTERVISTA KITBA TA' VINCENT P.ZAHRA - VICE-PRESIDENT.**

Il-lum qed niktbu din l-intervista li għamilna lil ex-P.C.700 Francis Galea.Minn din l-intervista se naraw kif Frans kellu varjetà mhux ħażin fil-ħidma tiegħu barra ż-żmien li għamel fil-Korp tal-Pulizija,matul iż-żmien.

F.Galea twieled 31 ta' Lulju 1927, missieru kien ukoll Pulizija bin-Nru.387 , Paul kif kien jismu, kien fil-Kavalerija u kien ħafna dilettant taż-żwiemel, kien jieħu parti fil-Marsa Horse Show, fejn kien dejjem jiġi minn ta' quddiem.

Meta Francis kien għadu tifel żgħir kien jieħu pjaċir innadaf l-uniformi ta' missieru, u kien ikun miegħu waqt li qed jieħu ħsieb iż-żiemel u waqt it-tindif tiegħu.

F'din l-istess eta' kien jinżel ma' missieru fil-Police Club li kien f'parti tal-Kwarieri Ġenerali tal-Pulizija fid-Depot Triq il-Merkanti l-Belt, quddiem il-Camerata.

Francis beda il-ħajja tax-xogħol tiegħu kif irrakonta hu billi kif bdiet il-Gwerra fl-l939 telaq mill-Iskola biex ikun jista jgħin lill-familja u daħal bħala Apprentice fid-Dockyard Navali.

Fl-l945 bgħatu għalih bil-lieva biex iddaħħluh suldat,fejn iddeċieda li jidħol fil-Pulizija, dan kien fil-11 ta' Mejju l945, fejn tawh in-Nru.700, u ġie stazzjonat il-Belt, fejn ġie wkoll msejjaħ għal course għal dawk li jkunu għadhom kemm daħlu fil-Korp.

Il-Belt dam 6 snin fejn kien ħafna għal qalbu minħabba l-għaqda li kienet tezisti bejn dawk li kieu stazzjonati fil-Belt. Wara ġie trasferit għal tas-Sliema fejn dam biss għal sena,minn fejn ġie mibgħut il-Ħamrun, fejn għamel sentejn u għaxar xhur. Meta ġie stazzjonat fil-Kavallerija ma kienx għal qalbu għal kemm meta kien żgħir kif għadna kien jinżel ma missieru li kien dam ħafna f' din is-sezzjoni.

Francis Galea qal li kien jieħu ħafna pjaċir meta kien jiġi magħżul għal Parati, dan kien jiġi msejjaħ spiss peress li hu twil mas-6 piedi, hu kien jieħu pjaċir bihom għax kienu jnisslu fih sens ta' dixxiplina li kien inissel fihom dak iż-żmien l-R.S.M.T.Orr; sal-lum qal li wkoll mat-tfal tiegħu kien jgħamel l-istess mhux b'sens ta' xi kastig imma biex joħroġhom bħala irġiel serji.

Francis ma tantx dam fil-Pulizija għax irriżenja biex mar l-Ingilterra, fejn f'dan iż-żmien kien inqala l-nkiet fil-Lvant nofsani u f'dan iż-żmien kien qed iddaħħlu n-nies fin-N.A.A.F.I. għal fuq il-bastimenti Ingliżi. Hawn dam l-aktar żmien twil billi għamel 22 sena f'dan is-servizz. Peress li kien wasal iż-żmien biex in-Navy tirtira minn Malta, fl 1979 ħaseb biex kif jispiċċa jibda business għal rasu, u hekk għamel kif spiċċa minn NAAFI.

Però hu kif qal tajjeb dejjem baqa miġbud ħafna lejn il-Korp tal-Pulizija, tant li ta' sikwit barra li hu membru tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti u jattendi għal kull attività tagħha. Ta sikwit jattendi għal quddiesa li ssir fil-Kappella tad-Depot, u darba fost l-oħrajn sema' lill-Kummissarju s-Sur Alfred Calleja jgħid kemm jixtieq li fil-Kappella jkollna niċċa ta' Marija Santissima Addolorata.Peress li Sur Calleja kien irtira mis-servizz dak li kien semgħa baqa ġo moħħu u meta sar Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech urieh ix-xewqa li fuq dak li kien semgħa u bħala ringrazzjament għal dak kollu li għadda minnu b'wiċċ il-ġid fil-ħajja tiegħu, offra li jagħmel din in-niċċa kif is-Sur Grech kien aċċetta.

B'din in-nota temmejna l-intervista tagħna ma' Francis Galea u nistiednu li dawk li jixtiequ jiġu ntervistati wara li jkunu r-rtiraw mill-Korp billi jiktbu lis-Segretarju tal-Għaqda.



# Obitwarju



Ex. Pc 435 A. Galea



Ex. Pc 21 C. Bone



Ex. SM 267 C. Grixti



Ex. Pc 433 D. Agius



Ex. Pc 77 J. Camilleri



Ex. Pc 336 J. Micallef



Ex. Pc 533 M. Micallef



Ex. Pc 30 M. Xuereb



Ex. Pc 990 J. Muscat

**Ex Pc 14 M. Mercieca   Ex Pc 149 G. Galea   Ex Ps 743 C. Galea**

RITRATTI NIEQSA

**GĦATIHOM O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM**




**Suppliers of Mining Explosives and accessories Propelant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PILVICH EXPLOSIVES**
**Ind. Ltd.**
**Sta Barbara Works**
**L'Hfar Dingli**
**459821/459622**




Insure with

FOGG




**Britannia House,**
**Old Bakery Street,**
**Valletta, Malta**

**Tel: 233175**
**239775,**
**237742**

# Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D. 1887-1954

.....ġiet konfermata bir-"Regolamenti ta' l-Emergenza ta' 1-1940 dwar l-Amministrazzjoni tal-Ħaqq" (Administration of Justice (Emergency) Regulations, 1940) ippubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 337 tal-5 ta' Lulju, 1940, sussegwentement emendati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 450 tas-27 ta' Awissu, 1942.

L-ewwel proċess presjedut minn SIR GEoRGE BORG imsieħeb mill-Onorabbli Mħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding beda fit-30 ta ' Jannar,1941 meta fil-Qorti Kriminali tressqu Harry Briffa ta' 21 sena, imwieled l-Imsida, Dino Borg ta' 18 il-sena, imwieled il-Pieta, Oliviero Xerri ta ' 19 il-sena, imwieled il-Gżira, Charles Schranz ta' 22 sena, imwieled tas-Sliema, Anthony Xerri ta' 21 sena, imwieled Ħaż- Żabbar, Joseph Depasquale ta' 23 sena, imwieled il-Birgu, u Louis Gatt ta' 19 il-sena, imwieled il-Birgu.

Il-Prosekutur Pubbliku Dr. Joseph H. Reynaud, xlihom li bejn l-1 ta' Ġunju u t-8 ta' Novembru,1940, wettqu propaganda sedizzjuża favur il-għaqda tal-Gżejjer Maltin ma' l-Istat totalitarju Taljan ta' dak iż-żmien. Dan għamluh billi kitbu u qassmu bil-posta u ferrxu fit-toroq f'diversi lokalitajiet f'Malta ħafna fuljetti li bihom huma ppruvaw inisslu mibgħeda kontra l-Gvern Ingliż u mħabba lejn il-Gvern Taljan. Barra minn hekk, huma ġew mixlija wkoll li kellhom fil-pussess tagħhom kwantità ta' ħwejjeġ stampati u oġġetti oħrajn ta' natura sedizzjuza li setgħu kellhom xejra direttament jew




indirettament mhux biss biex inisslu nuqqas ta' qima lejn il-Forzi Armati tal-Maestà Tiegħu r-Re, iżda wkoll li iġibu mibgħeda u disprezz jew ixewwxu kontra l-Gvern tar-Renju Magħqud u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Prosekutur Pubbliku, wara li stqarr li b'għemilhom, l-msemmija akkużati saru ħatjin talli ħadu sehem f'konfoffa li kellha bħala ħsieb delitt kontra l-istabilità tal-Gvern tal-Maesta Tiegħu r-Re, talab lill-Qorti biex kull wieħed minnhom jiġi kkundannat għall-piena ta' **"lavuri furzati"** għal minn ħamsa sa' disa' snin ħabs.

F'dan il-proċess, Harry Briffa kellu bħala Avukat Difensur tiegħu lill-Professur Carmelo Mifsud Bonnici. Il-Professur Mifsud Bonnici deher ukoll għal Anthony Xerri, għal Louis Gatt u għal Joseph Depasquale. Dino Borg u Oliviero Xerri kellhom bħala Avukat Difensur lill-Avukat Dr. Albert Magri u Charles Schranz kellu bħala Difensur lill-Avukat Dr. Joseph Flores.

Il-Qorti kienet sabet lil Harry Briffa, Dino Borg, Oliviero Xerri, Joseph Depasquale u Louis Gatt ħatjin ta' kospirazzjoni sempliċi. Fil-każ ta' Charles Schranz, il-Qorti sabitu ħati li kellu kitba ta' tixwix mingħajr ġustifikazzjoni jew il-jedd li jżommha; fil-każ ta' Anthony Xerri, il-Qorti sabitu hati li qassam karti ta' tixwix.

Għaldaqstant,il-Qorti kkundannat lil Harry Briffa, Joseph Depasquale u Louis Gatt għall-piena ta' tlett snin ħabs bil-**"lavuri furzati"** u lil Dino Borg u Oliviero Xerri għall-piena ta' erba' snin ħabs bil-**"lavuri furzati"**.

Fl-istess waqt, il-Qorti sabet lil Charles Schranz u lil Anthony Xerri m'humiex ħatjin ta' l-ewwel akkuża, iżda sabet lil Charles Schranz ħati li kellu kitba illegali u ta' tixwix u lil Anthony Xerri ħati li xerred karti ta' tixwix. Il-Qorti, wara li studjat iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, ikkundannat lil Schranz għall-piena ta' sena ħabs xogħol iebes, u lil Anthony Xerri għall-piena ta' tmintax-il-xahar ħabs b'xogħol iebes.

Wara li l-bini tal-Qorti fi Triq Irjali, l-Belt Valletta safa' milqut u mġarraf mill-attakki ta' l-għadu fit-13 ta' Mejju, 1941, il-Qrati Superjuri nklużi dak Kriminali kienu ġew trasferiti fil-bini tas-Seminarju ta' l-Arċisqof, il-Furjana. Ta' min jgħid ukoll li matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija u minkejja l-attakki kontinwi ta' l-għadu, s-seduti baqgħu jsiru xorta waħda fix-

*ikompli f'paġna 26* ➟

ikompli minn paġna 25

xelters biex ma jinħoloqx dewmien fis-smigħ tal-kawzi. Ta' min jgħid ukoll f'dan ir-rigward, li SIR GEORGE BORG innifsu kien ġarrab ġrieħi ħfief waqt attakk ta' l-għadu meta huwa kien qiegħed jamministra l-ġurament ta' fedeltà lil Lord Gort f'Kalafrana.

Fil-Qorti Kriminali fil-Furjana, sar proċess ieħor presjedut minn SIR GEORGE BORG flimkien ma' l-Onorabbli Mħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding.

F'dan il-proċess, Pawlu Micallef ta' erbgħin sena, imwieled il-Belt Valletta, kien ġie mixli mill-Prosekutur Pubbliku Dr. Joseph H. Reynaud, l-Avukat Anzjan tal-Kuruna, li fit-13 ta' Mejju 1939, f'Birkirkara, dolożament u malizzjożament, bil-ħsieb li jqiegħed f'periklu ċar u joqtol lil martu Giorgia Micallef xebba Bianco, ikkaġunalha ferita f'sidirha li biha hija mietet ftit sigħat wara f'dak l-istess jum. Ftit qabel ma kkommetta dan id-delitt, Pawlu Micallef kien ra lil martu tkellem raġel ieħor li qanqal fih is-suspett li seta' kien il-maħbub tagħha. Għaldaqstant, huwa kien influwenzat minn passjoni instantanja fil-mument tad-delitt li ma ħallietux jirrifletti sewwa l-gravità u l-konsegwenzi ta' dak li kien sejjer jagħmel.

Għaldaqstant, Pawlu Micallef sar ħati ta' omiċidju voluntarju, iżda skużabbli għaliex wettaq dan id-delitt taħt influwenza ta' passjoni instantanja li ma ħallietux jirrifletti sewwa dwar il-konsegwenzi ta' l-għemil tiegħu u fuq din l-akkuża, il-Prosekutur Pubbliku talab lill-Qorti biex tikkundanna lill-akkuzat għall-piena ta' għoxrin sena ħabs.

Fil-bidu tal-proċess, l-Avukati Difensuri l-Professur Carmelo Mifsud Bonnici u Dr. Vincent Scerri, ressqu t-talba biex l-akkużat jiġi dikjarat mhux f'sensieh waqt li wettaq id-delitt imsemmi fl-Att ta' l-Akkuża. Il-Prosekuzzjoni opponiet għal din it-talba peress li t-Tabib tal-Ħabs kien diġa' ċċertifika li kien sab lill-akkużat mentalment f'siktu, iżda l-esperti mediċi maħturin mill-Qorti biex jeżaminaw u jirrappurtaw dwar l-istat mentali ta' l-akkużat, ikkonfermaw li Pawlu Micallef fil-fatt kien dementi waqt it-twettiq tad-delitt. Dan ir-rapport kien ġie eventwalment aċċettat kemm mill-Prosekuzzioni kif ukoll mid-difiża.

Għalkemm kien tqanqal id-dubju jekk Pawlu Micallef kienx f'qagħda mentali tajba biżżejjed waqt li kien qiegħed jiġi pproċessat, il-guri tkompla jinstema'. Wara li l-ġurati fil-verdett tagħhom ta' sitt voti kontra tlieta, iddikjaraw li l-akkużat ma kienx f'sensieh kemm waqt li kkommetta d-delitt kif ukoll waqt il-proċess tiegħu, il-Qorti ddikjarat lill-akkużat dementi kemm fil-waqt tad-delitt kif ukoll waqt il-ġudizzju u għaldaqstant ordnat li Pawlu Micallef jinżamm rigorożament fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ.

Ftit wara li ntemm dan il-ġuri, is-Seminarju fil-Furjana ġarrab bosta ħsarat waqt attakk ta' l-għadu u allura, l-Qorti kellha titlaq minn hemm ukoll u tmur fl-iskola primarja ta' Ħal Balzan.

Il-proċess ta' Karmenu Borg Pisani beda fit-12 ta' Novembru, 1942 quddiem il-Qorti Kriminali magħmula minn tlett imħallfin. Dawn kienu SIR GEORGE BORG bħala President, u l-onorabbli Mħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding. L-Avukat Difensur kien Dr. Alberto Magri mgħejjun minn Dr. Paolo Borg Grech, kuġin ta' l-akkużat.

L-Att ta' l-Akkuża kien magħmul minn tlett Kapi. Fl-ewwel Kap, il-Prosekutur Pubbliku, Dr. Joseph H. Reynaud, Avukat Anzjan tal-Kuruna, akkuża lil Borg Pisani talli ħa sehem f'konġura biex iwaqqa' jew ifittex li jwaqqa' l-Gvern tal-Maesta Tiegħu r-Re billi b'xi mod jew ieħor ta għajnuna lill-għedewwa tar-Re. Għal din il-ħtija, l-Prosekutur Pubbliku talab li l-akkużat jiġi kkundannat għall-piena ta' minn ħamsa sa' disa' snin ħabs bil-**"lavuri furzati"**.

Fit-tieni Kap, Borg Pisani kien akkużat talli bħala membru fir-Rigment "San Marco", huwa wettaq, flimkien ma' sħabu, attività sovversiva f'diversi postijiet okkupati mill-Italja fosthom Patras u Ateni, u għaldaqstant, atti kontra l-Greċja kienu meqjusin bħala atti kontra l-Ingilterra peress li l-Greċja kienet allejata fil-gwerra ma' l-Ingilterra. Għal din il-ħtija, l-Prosekutur Pubbliku talab li Borg Pisani jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt.

Fit-tielet Kap, Borg Pisani kien akkużat illi bħala "sottotenent" fl-eżerċtu Taljan, kien imbarka bil-moħbi f'Malta bl-iskop li jittrasmetti lill-għadu fl-istazzjon li kien twaqqaf apposta fi Sqallija fl-iktar post viċin ta' Malta, u jagħti tagħrif militari u strateġiku dwar il-Gżejjer Maltin. L-akkużat kien niżżel miegħu erba' xkejjer bl-ikel għal għoxrin jum, "radio transmitter/receiver", "cipher code book", mappa ta' Malta, "revolver", "hand grenades", torċi, ħbula u £200 li kellhom iservu biex ikun jista jixtri xi nies li jkunu jridu jgħinuh fil-missjoni tiegħu. Għal din il-ħtija, il-Prosekutur Pubbliku talab li Borg Pisani jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt.

Meta fetaħ il-proċess, id-Difiża ressqet żewġ eċċezzjonijiet: waħda, dwar il-kompożizzjoni tal-

Qorti fis-sens li minħabba l-gravita tad-delitti msemmijin fit-tieni u fit-tielet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża, il-Qorti kellha tkun magħmula minn ħames imħallfin u mhux minn tlieta, u l-oħra, dwar il-kompetenza tal-Qorti peress li l-atti ta' l-imputat imsemmija fl-ewwel u fit-tieni Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża twettqu barra minn territorju Malti. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ġew eventwalment miċħuda mill-Qorti b'żewġ sentenzi differenti mogħtija fit-12 ta' Novembru, 1942.

Fid-19 ta' Novembru, 1942, il-Qorti presjeduta minn SIR GEORGE BORG, wara li rat l-Att ta' l-Akkuża magħmul minn tlett Kapi msemmija aktar 'il fuq, wara li rat id-deċiżżjonijiet dwar L-eċċezzjonijiet imressqin mid-Difiża, wara li semgħet il-provi kompriża x-xhieda ta' l-istess akkużat fuq talba tiegħu stess, u wara li kkunsidrat dak kollu li kellhom jgħidu kemm l-Avukat Anzjan tal-Kuruna għal Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difensur ta' l-akkużat, iddikjarat lill-akkużat ħati skond l-Att ta' l-Akkuża u kkundannat lill-imsemmi Karmenu Borg Pisani għall-piena tal-mewt

Ftit ġranet qabel ma twettqet is-sentenza, d-Direttur tal-Ħabs ta' Kordin, il-Kaptan Joseph Agius kien irċieva tweġiba negattiva għat-talba tal-klemenza.

Il-"Warrant" għall-esekuzzjoni tas-sentenza tal-mewt kontra Karmenu Borg Pisani kien ġie ffirmat mill-Gvernatur ta' Malta Lord Gort fit-23 ta' Novembru, 1942. Karmenu Borg Pisani ġie mgħallaq fil-Ħabs ta' Kordin fit-28 ta' Novembru, 1942. Il-Konfraternità tar-Rużarju u tal-Ħniena bħas-soltu kienet ħadet sehem u tat l-għajnuna tagħha. Ta' min jgħid li dan kien l-ewwel każ ta' Malti li kien ġie mgħallaq minħabba tradiment lejn l-Istat minn mindu Malta saret kolonja Ngliża.

Fit-30 ta' Marzu, 1943, quddiem il-Qorti Kriminali magħmula mill-onorabbli SIR GEORGE BORG bħala President u l-onorabbli Mħallfin il-Professur Edgar Ganado, Dr. Luigi Camilleri, Dr. Antoine J. Montanaro Gauci u Dr. William Harding, tressqu għall-proċess Ġużeppi Zammit ta' 39 sena, mwieled Ħal-Qormi u ħuh



Karmenu Zammit ta' 32 sena, mwieled Ħal-Qormi, it-tnejn imlaqqmin **"Ta' Moħħ'**.

L-aħwa Zammit ġew akkużati mill-Prosekutur Pubbliku Dr. Joseph H. Reynaud, l-Avukat Anzjan tal-Kuruna, talli fit-2 ta' Novembru, 1942, fil-limiti ta' Ħal-Luqa, huma serqu £400 u ċurkett tad-deheb lil Spiru Grech, imlaqqam **"L-Ixkawx"** jew **"il-Għannej"**, u qatluh wara li kienu ftehmu miegħu biex imur fil-ħanut li l-imsemmi Ġużeppi Zammit kellu fit-telgħa ta' Ħal-Luqa bl-iskuża li jbiegħulu kwantità kbira ta' qamħ u xgħir. Huma qalulu biex imur waħdu u jieħu l-flus miegħu. Meta daħħluh biex jara l-qamh u x-xgħir fil-ġnejna li kien hemm mal-ħanut, huma ħabtu għalih, u wara li tawh bil-ġebel u b'affarijiet oħrajn ippuntati fuq rasu, sparawlu żewġ tiri ta' "revolver" u laqtuh f'rasu, bil-konsegwenza li bil-feriti li ġarrab, Spiru Grech miet.

Fuq din l-akkuża, l-Prosekutur Pubbliku talab li iż-żewgt aħwa Ġużeppi u Karmnu Zammit jigu kkundannati għall-piena tal-mewt.

Fil-bidu tal-process, l-Avukat Joseph Salomone Reynaud bħala Difensur ta' l-akkużat Karmnu Zammit, qajjem l-eċċezzjoni tad-demenza fir-rigward tal-klijent tiegħu. Wara li. dan kien intbagħat għal tlett xhur taħt osservazzjoni fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, Karmnu Zammit reġa' tressaq quddiem l-istess Qorti fit-22 ta' Gunju, 1943 biex jigi deciż jekk kellux moħħu f'siktu jew le.

Il-Professuri Hyzler u Vassallo flimkien mat-Tabib Paris ippreżentaw ir-rapport tagħhom minfejn irriżulta li Karmnu Zammit fil-fatt ma kienx miġnun kemm fiż-żmien tad-delitt kif ukoll fiż-żmien tal-ġudizzju.

Ta' min jgħid li Karmnu Zammit kien stqarr li lil Spiru Grech qatlu hu filwaqt li difnu ħuh. Ġużeppi Zammit kien qala' b'ħalqu ċ-ċurkett minn id il-mejjet.

Il-Qorti sabet lill-akkużat Karmnu Zammit ħati ta' omiċidju voluntarju filwaqt li sabet lill-akkużat Ġużeppi Zammit ħati ta' kompliċità fid-delitt tas-serq aggravat bil-qtil. Fuq din il-ħtija, l-Qorti kkundannat liż-żewġ imputati għall-piena tal-mewt.

Il-**"Warrants"** għall-esekuzzjoni tal-mewt ġew iffirmati mill-Gvernatur Lord Gort fit-30 ta' Ġunju, 1943. Ġużeppi Zammit u Karmnu Zammit gew imgħallqin fil-Ħabs ta' Kordin nhar il-5 ta' Lulju, 1943. Dan attwalment kien l-aħħar tgħallieq li twettaq f'Malta qabel ma' l-piena kapitali kienet ġiet eventwalment abolità fis-Sena 1971.

# DAGENITE

**POWER TO KEEP YOU MOVING**

*Available from:*

## SCHEMBRI BATTERIES LTD.

**A39 Industrial Estate, MArsa HMR 15 Tel: 220036**




## Yorkie Clothing

*the manufacturers for:*

*uniforms for Police, Armies, Schools, Hotels and other enterprises.*

## Yorkie Clothing

*the manufacturers for:*

*suits, sport jackets, trousers and shorts.*

**YORKIE: YOUR GUARANTEE FOR STYLE AND QUALITY.**

*Call at:* YORKIE CLOTHING INDUSTRY LIMITED

**Ub 17 B SAN ĠWANN INDUSTRIAL ESTATE, BIRKIRKARA.**

**TELEPHONES: 442469, 442460**

**FAX: 498291**

# ĠABRA TA' APPELLI KRIMINALI

**MISAPPROPRAZZJONI - DUBBJU RAĠONEVOLI**



*Ikun ħati tar-reat ta' misappropprazzioni min idawwar bi profitt għalih ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu minnu speċifikat.*

**Il-Pulizija vs Anthony Frendo**
ż4 ta' Marzu, 1977
Imħallef: Onor. F. Mizzi LL.D.

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni magħmula mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta kontra Anthony Frendo talli f'din ilGżira, fil-5 ta' Mejju, 1976, iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma kienx sar, inkella b'qerq, ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jibdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dan ir-reat sar billi għamel rapport lill-Pulizija illi kien ġie attakkat vjolentement minn numru ta' persuni mhux magħrufa u misruq waqt li kien qiegħed isuq van numru 75594 fi Triq il-Kanun, Santa Venera, meta, fil-fatt, dan il-fatt ma ġarax, barra minn hekk, f'dawn l-aħħar sentejn approfitta ruħu billi dawwar għalih bi profitt issomma ta' flus li teċċedi Lml00 li hija proprjeta tal-Kumpanija "Edible Oil Refining Company Ltd." wara li din is-somma ta' flus kienet ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd;

Rat in-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Jannar, 1977 li bih l-istess atti ġew mibgħuta lura lil dik il-Qorti sabiex, fin-nuqqas ta' oġġezzjoni da parti ta' l-imputat a tenur ta' l-Artikolu 382(3)(d), dik l-istess Qorti tiddeċiedi dwar il-ħtija jew ħtijiet li jistgħu jinstabu taħt l-artikoli (a) 307 u 308, 324(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u (b) taħt l-artikolu I09(2) tal-Kodiċi Kirminali;

Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 1977, li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati tar-reati dedotti kontra tiegħu bil-fuq imsemmi rinviju ta' l-Avukat Ġenerali u lliberatu taħt il-kundizzjoni li ma jikkommettix reat fi żmien sentejn u tenur ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' 1-1957, wara li kkunsidrat:

"Illi l-imputat 'salesman' mal-Edible oil Refining Co. Ltd. u kien joħroġ ibigħ bil-vann tal-kumpanija. Fl-4 ta' Mejju 1976, kellu żejt, 'margarine' u boilers tal-kumpanija li jiswew f'daqqa Lm45.25,0 li mar biex ibigħ. L-għada għal xis-1.30 a.m. l-imputat mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid, jibki b'idejh marbutin wara b'faxxa ma' għonqu. Kellu wkoll l-qmis imqattgħa. Dak il-ħin irrapporta li P.C. 745 Italo Tufigno li kien ilu mill-5.30 p.m. tal-ġurnata ta' qabel marbut. Qal li kien isuq il-vann mir-'round-about' ta' Fleur-de-Lys 'l isfel, waqqfu wieħed biex jagħtih 'lift' u appena tela' fil-vann dan ħareġ revolver u ffirmah bih u qallu "Tibżax ma nweġġgħekx, agħtini li għandek." Minnufih telgħu tnejn oħra fil-van u ħadulu 'cheque' ta' Lm70 u Lm300 flus. Żied jgħid li rabtulu jdejh wara, qattgħulu l-qmis, għamduh u baqgħu sejrin jiġru bih 'l hawn u-'l hinn bil-vann sakemm niżżluh fir-'round-about' ta' Paola Hill u huma baqgħu sejrin bil-vann;

"Dakinhar stess fil-għaxija għamel stqarrija taħt forma ta' rapport bil-miktub lill-Ispettur Salvu Galea. F'dan ir-rapport biddel xi ċirkostanzi minn dawk li kien qal lill-kuntistabbli. Qal li huwa u għaddej bil-vann wieħed raġel fetaħlu l-bieba tan-naħa tax-xellug u daħal ġewwa l-vann. Dak il-ħin kellu revolver u ppuntah lejh, ħatfu minn sidru għan-naħa tiegħu u niżżillu rasu għal taħt id-"dashboard". Dan ir-raġel qabad u ħadlu l-flus li kellu fil-but u beda jġebbdu mill-qmis. Ħadlu wkoll ġiżirana u salib minn għonqu. Wara, l-vann beda miexi waqt li huwa kien għadu b'rasu taħt id-"dashboard". Dan ir-raġel rabatlu jdejh wara b'faxxa u għamillu faxxa oħra ma' għajnejh. Il-vann baqa' sejjer, jieqaf u jimxi, sakemm telquh fejn ir-'roundabout' ta' Casal Paola.Jaħseb li kellu lil xi ħadd miegħu dak ir-raġel. Wara li niżiluh ipprova jneħħi l-biċċa minn quddiem għajnejh billi kellu jdejh marbutin wara u rnexxielu jnehhiha billi ġibidha 'l isfel minn fuq għajnejh;

"L-espert l-Ispiżjar Victor Gatt, inkarigat biex jeżamina l-qmis ta' l-imputat, irrelata li t-tiċritiet fil-qmis saru f'partijiet

ikompli fuq paġna 30 ➟

ikompli minn paġna 29

# ....ĠABRA TA' APPELLI KRIMINALI

minnhom bl-użu ta' xi apparat li jaqta', bħal mus jew imqass. Qal ukoll li, meta inqatgħu l-buttuni, il-qmis ma kinitx maqfula għax ma saret ebda ħsara fl-aċċetti;

"Ir-reati dedotti kontra l-imputat huma: (a) misapproprijazzjoni, billi dawwar bi profitt għalih ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu minnu speċifikat u (b) rapport falz, billi ddenunzja lill-Pulizija reat li jaf li ma sarx jew ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jibdew proċ eduri kriminali sabiex jiżguraw li dan ir-reat kien sar;

"Dawn iż-żewġ reati sejrin jiġu kunsidrati fl-ordni invers, ċjoe l-ewwel sejjer jiġi kunsidrat it-tieni reat dedott għaliex, jekk ma jirriżultax dan ir-reat, lanqas jista' jkun hemm l-ewwel wieħed;

"Il-Prosekuzzjoni għandha tipprova, mingħajr dubbju raġjonevoli, li l-imputat għamel rapport li kien sar reat meta kien jaf li ma sarx jew ħoloq traċċi ta' reat;

"Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tasal għal din il-prova. Dak li l-imputat qal lill-kuntistabbli Tufigno ma jaqbilx għal kollox ma' dak li qal lill-Ispettur Galea. Fl-ewwel verżjoni qal li waqqfu wieħed biex jagħtih 'lift' u, appena tellgħu fil-vann, ħareġ revolver u ffirmah u, minnufih, telgħu tnejn oħra u ħadulu 'cheque' u Lm300.Tit-tieni verżjoni qal li huwa u miexi, wieħed fetaħlu l-bieba u daħal. Kellu revolver u ppuntah lejh. Ġibdu minn sidru u niżżillu rasu taħt id-'dashboard'. Wara, qabad u ħadlu l-flus li kellu fil-but. Qal li ma sema' lil ħadd jgħid xejn lil xi ħadd li jaħseb li dan ir-raġel kellu miegħu;



"L-espert qal li t-tiċritiet fil-qmis saru bl-użu ta' xi apparat bħal mus jew imqass. Dan ifisser li mhux kif qal l-imputat. Inoltre, anke l-butuni li kellu mqattgħin, dawn ma tqattgħux waqt li l-qmis kienet maqfula;

"L-imputat qal li meta telquh fejn ir-'round-about' ta' Raħal Ġdid, kellu faxxa imdawra quddiem għajnejh u jdejh marbutin wara. X'ħin mar l-Għassa l-faxxa ta' quddiem għajnejh kienet madwar għonqu, waqt li jdejh kienu għadhom marbutin wara. B'idejh marbutin wara ma setax iniżżel ilfaxxa li kellu ma' għajnejh sa għonqu;

"Fl-aħħarnett hemm il-fatt li l-imputat fl-ebda okkażjoni ma kkonferma r-rapport tiegħu bil-ġurament, la quddiem il-Magistrat Inkwirenti u lanqas quddiem il-Qorti.

"Fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat jirriżulta;

"Dwar it-tieni reat dedott, jirriżulta li l-imputat, bħala 'salesman', kellu merkanzija tal-kumpanija li kien jaħdem magħha. Huwa biegħ din il-merkanzija u ma ħallasx il-flus li daħħal. Irriżulta li l-ammont li baqagħlha tieħu l-kumpanija huwa Lm288.24,0. Dawn il-flus kienu f'idejh bl-obbligu li jgħaddihom lill-kumpanija. Għalhekk anke dan ir-reat jirriżulta pruvat";

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li s-sentenza fuq riportata tiġi revokata u li huwa jigi meħlus minn kull ħtija u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-appellant qed jinvoka favur tiegħu l-benefiċċju tad-dubju - benefiċċju li ovvjament għandu dritt għalih purkè si tratti ta' dubju raġonevoli.

Issa, ir-rapport formali, bażi ta' l-istanza preżenti, li l-appellant għamel lill-Ispettur Salvu Galea huwa mhux biss, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' fejn, x'ħin u kif ġara r-reat denunzjat, gravament suspettuż fih innifsu, imma talli, kif irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti, ma jaqbilx u dina l-Qorti żżid tgħid li ma jaqbilx f'partijiet *sostanzjali* - la ma' dak li, fl-istess jum, l-appellant kien irrifera lill-P.C. 745 Italo Tufigno u lanqas mar-riżultanzi tal-perizja kondotta mill-Ispiżjar Victor Gatt - liema diskrepanza l-appellant bl-ebda mod ma offra li jispjega, kif kjarament, fil-fattispeċje tal-każ, kien jinkombi lilu li jagħmel.

Fiċ-ċirkostanzi dina l-Qorti bl-ebda mod ma tħossha assillata b'xi dubju lontanament raġjonevoli dwar il-kolpevolezza ta' l-appellant.

Għal dawn il-motivi u għal dawk ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, li qegħdin jiġu adottati:

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

# The Revolutionary Gillette Sensor




## It senses and adjusts to the individual needs of your face for the best shave a man can get.



The remarkable Gillette Sensor shaving system creates an entirely new standard in shaving performance. It's a shave personalized to every man.

The revolution starts with the platinum hardened Sensor twin blades. They're individually and independently mounted on highly responsive springs. So they continuously sense and automatically adjust to the individual curves and unique needs of your face.

But innovation doesn't stop there. The ultra narrow metal skin guard is also mounted on springs. It moves in total harmony with the blades to set up your beard for optimum shaving performance. Keeping this technology in constant contact with your face required another breakthrough. A dramatic redesign of the entire pivoting process creates a wider, more responsive, unprecedentedly smooth pivoting action. Innovation is everywhere. You can feel it in the textured ridges and balance of the Sensor razor. You appreciate it in the easy loading system and the convenient shaving organizer.





Even rinsing is innovative. The new blades are 50% narrower than any others - water flows freely around and through them, helping to make rinsing and cleaning totally effortless.

But the true revolution of Sensor comes not with any one feature, but with the way the Sensor technologies work together. They combine to give your individual face a personalized shave - the closest, smoothest, safest shave you've ever had. Or, more precisely, the best shave a man can get.




**Gillette**®

***The Best a Man Can Get***

SOLE REPRESENTATIVES: GEORGE BORG LTD. 26/2 MERCHANTS STREET, VALLETTA. TEL:225441.

# Il-Mużew tal-Pulizija

## ŻJARAT MILL-PUBBLIKU

*minn Pc 248 J. Navarro*

Fil-ħarġa tal-magazin tal-Pulizija Vol. 9 No. 10 kont ktibt dawr il-Mużew tal-Pulizija, fejn spegajt kif inhu mqassam u fhiex jikkonsisti f'dawk li huma esebiti. Kienu bosta dawk il-persuni li ma kienux jafu bl-eżistenza tal-mużew, biss wara li kienu qraw l-artikli fil-magażin "IL-PULIZIJA", urew interess li jiġu u jżuruh. Saru bosta appuntamenti lil ħafna nies fejn raw b'għajnejhom stess l-oġġetti li kienu esibiti u li ftit li xejn kienu jafu dwar il-pulizija ta' Malta u lis-storja twila u nteressanti li għandha.



Introduzzjoni minn Pc 148 J.Navarro hekk kif it-tfal jaslu fil-Mużew tal-Pulizija

Kien hemm kummenti ta' tifħir u ta' nkoraġġiment mill-pubbliku li attenda, kemm rigward ta' esibti kif ukoll għal ma min kellu x'jaqsam mat-twaqqif ta' l-istess mużew. Wieħed bi pjaċir jgħid illi kien hemm persuni li wara ż-żjara tagħhom, rregalaw diversi ritratti antiki li għandhom b'xi mod jew ieħor x'jaqsmu ma l-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.



Spjegazzjoni fuq ix-xaretta, waħda mill-esebiti li hemm fil-Mużew

B'hekk dawn l-istess ritratti jistgħu jidgawdew mill-pubbliku nġenerali.

### Skola Sajf għat-tfal

Fis-16 ta' Lulju 1997, bdew attivitajiet kulturali organiżżati mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jew aħjar kif inhija aktar magħrufa bħala 'SKOLA SAJF'. Dawn l-attivitajiet kulturali kienu jikkonsistu fi żjarat lill-Mużew tal-Pulizija ġewwa d-Depot minn tfal ta' eta' u sess differenti. Minn barra l-mużew, it-tfal ġew meħuda wkoll iżuru s-sezzjoni tal-FIRE BRIGADE ġewwa l-Furjana w anke s-Sezzjoni tal-KAVALLERIJA tal-korp magħrufa bħala 'MOUNTED POLICE'.

### ŻJARAT FIL-MUŻEW TAL-PULIZIJA

Għall bosta mit-tfal li l-eta' tagħhom kienet tvarja bejn is-sitt snin u l-għaxar snin, kienet l-ewwel opportunità li jiltaqaw personalment ma pulizija. Kien hemm numru mhux ħażin ta' tfal, speċjalment dawk żgħar fl-età tagħhom li wrew xi ftit tal-biża' jew mistħija li jkunu fil-preżenza ta' uffiċjal tal-pulizija. Ma kienitx daqshekk faċli li tispjega lil dawn it-tfal fuq l-istorja tal-pulizija għaliex ma kienx hemm dik l-esperjenza ta' għalliem jew edukattur tat-tfal biss xorta bħala ġenitur, stajt nifhem sewwa l-aġir ta' ċerta tfal li għall-ewwel darba forsi f'ħajjithom, f'eta' hekk tant żgħira kellhom l-opportunità li jiltaqaw tant mill-qrib ma pulizija kif ukoll li jkunu fil-post minn fejn jitmexxa l-Korp tal-Pulizija.



Tfal jagħmlu xi domandi dwar uniformijiet lil Pc Navarro

Però, biż-żmien kelli ċ-ċans li nipperswaduhom li l-pulizija huwa tassew ħabib tagħhom u qiegħed hemm biex jipproteġihom u għaldaqstant ma naqsitx xi ċajta jew tnejn sabiex nirbaħ il-kunfidenza tagħhom.

### F'hiex jikkonsistu dawn iż-żjarat kulturali?

Dawn iż-żjarat kulturali jikkonsistu billi t-tfal flimkien ma' l-għalliema tagħhom jinġabru ġewwa l-Mużew tal-



It-tfal jirkbu x-xarabank

pulizija. Hemm hekk issir introduzzjoni żgira sabiex it-tfal ikollhom idea ta' xċser jaraw u fejn sejrin. Ta' min jinnota li ċerti tfal tassew jiġu preparti għal din l-okkażjoni billi jġibu magħhom 'Lunchpacks', cameras u xi min daqqiet lapes u pitazz sabiex iniżżlu xi notamenti, ta' dak li jisimgħu jew jaraw. Hekk kif nispiċċ aw mill-mużew, nirkbu il-'bus' li teħodna l-garaxx tal-pulizija ħalli nżuru t-taqsima tat-Tifi tan-Nar tal-Furjana. Kif naslu hemm nagħmlu daqs għaxar minuti ta' rikreazzjoni u wara t-tfal jittieħdu jżuru l-FIRE ENGINES. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja għan-nom tat-tfal lil kull membru tat-taqsima tat-tifi tan-nar, għad dedikazzjoni u l-paċenzja li wrew sabiex it-tfal mhux biss raw kif jaħdmu l-FIREMEN iżda anke ukoll jitgħallmu dwar kif wieħed għandu jieħu prewkawzjoni dwar ħruq.

Ma naqsitx li t-tfal jittellgħu fuq xi 'FIRE ENGINE' u jittieħdu dawra żgħira sabiex jidħlu f'atmosfera kważi vera ta' x'toffr, l-ħajja ta' 'FIREMAN'. Wara li nispiċċaw mill-'Fire Brigade Section', nerħulha għat-Taqsima tal-Kavallerija ġewwa l-Marsa. Hawnhekk ta' min jinnota li wiċċ t-tfal jinbidel f'wieħed ta' ferħ u gost għaliex ħafna minnhom qatt ma kienu raw jew resqu viċin daqshekk ta' żiemel.



Grupp ta' tfal minn 'Skola Sajf' ta' Hal-Tarxien waqt iż-żjara taghhom lil-'Fire Brigade' flimkien ma' Pc Navarro u membri tat-Taqsima tan-Nar tal-Furjana

Hekk kif naslu l-'Mounted' jinkiser dak is-skiet u l-attenzjoni u jibda l-qbiż u l-agħjat tat-tfal. Nixtieq għal darba oħra minn hawn nirringrazzja għan-nom ta' kulħadd lil kull membru tat-taqsima tal-kavallerija għall-



It-tfal attenti ghal dak kollu li qed jiġi spjegat lilhom mill-membri tal-'Fire Brigade'

paċenzja u d-dedikazzjoni li wrew sabiex jintlaħaq l-għan li għalih morna.

J'Alla żjarat bħal dawn jibqgħu jsiru fil-futur, għaliex hija ħaġa ċerta li l-ġid u li joħroġ minn dawn iż-żjarat huwa kbir ħafna u b'hekk lis-storja tal-pulizija Maltija tiġi mifruxa ma'l-istudenti tagħna.

**Attendenza**
**(fil-Mużew tal-Pulizija)**

**Sena 1996**
Żjarat kulturali għal kulħadd
**700** student

**Sena 1997**
Skejjel tal-Gvern u Privati
**964** student

**Skola Sajf (sa Settembru 97)**
**795** student

**Total 1,759**



Uhud mit-tfal jidhru b'wiċċ ferhan waqt iż-żjara fil-'Mounted Section' ġewwa l-Marsa.



It-tfal jidhru jmissu wiehed miż-żwiemel tal-Kavallerija

# IL-QALBA TAR-RAĦAL QED TĦABBAT JEW QED TMUT

## L-Aspett Soċjali, Kummerċjali u Kulturali

**Kitba ta'**
**ANTON F. ATTARD, B.A. (Gen.).**

L-irħula l-aktar qodma ta' Malta u Għawdex ma kienu xejn ħlief kommunitajiet żgħar tal-bdiewa li fil-Medjuevu f' Malta kienu magħrufa b'ismijiet li jibdew bil-prefiss Ħal-, bħal per eżempju Ħal Warda, Ħal Mann, Ħal Tmin, Ħal Farruġ, Ħas Saptan, Ħad-Dgħif u oħrajn. F'Għawdex il-prefiss Ħal-ma jeżistix, imma kommunitajiet żgħar kienu joqogħdu f'postijiet bħall-Qabbieża, Għammar, Għasri, Għar Ilma ta' Ħamet, tal-Ħniena, ix-Xewkija, il-Belliegħa, Triq tal-Għajn u oħrajn.

Minkejja d-diversita' t' ismijiet, dawn il-postijiet kollha kellhom ħaġa waħda komuni: kienu kommunitajiet tal-bdiewa, nies jaħdmu r-raba' u jrabbu l-bhejjem. Il-bhejjem li kienu jrabbu aktarx kienu tjur u fniek, ngħaġ u mogħoż u bhejjem għax-xogħol bħall-baqar, bgħula, u ħmir. Dawk li kienu jistgħu aktarx kien ikollhom ukoll xi żiemel.

Iżda, aktar ma beda għaddej iż-żmien u l-poplu, minkejja l-mard, katasrofi naturali u l-gwaj tal-ħbit tal-Mori u tat-Torok: xorta waħda beda ġej 'il quddiem u l-popolazzjoni bdiet tiżdied, certi nħawi bdew jiżviluppaw fi rħula kemmxejn kbar, kommunitajiet parrokkjali li wara ffurmaw l-ewwel irħula kbar ta' Malta: L-Imdina u r-Rabat, il-Birgu, Birkirkara, Naxxar, Mellieħa, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli, is-Siggiewi, Ħal-Qormi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, u Bir Miftuħ F'Għawdex iċ-Ċentru kien fiċ-Ċittadella u r-Rabat. Hawnhekk ukoll kienu l-ewwel parroċċi ta' dawn il-gżejjer u dawn il-kommunitajiet pjuttost kbar ħafna drabi bdew jgħatu servizzi speċjalizzati lill-popolazzjoni tal-bdiewa ta' dawn il-gżejjer.

Biex nagħti eżempju Ħaż-Żebbuġ kien hemm kommunità li tinnegozja fix-xogħol tal-qoton u l-insiġ; Ħal-Qormi kien magħruf għall-fran tiegħu, Bir Miftuħ u ż-Żurrieq għax-xogħol tal-barrieri, ir-Rabat, Ħad-Dingli, il-Mellieħa u Għawdex għax-xogħol tal-biedja u l-għasir ta' l-għeneb għall-inbid, il-Birgu u l-inħawi tiegħu għax-xogħol tal-ħbula, Birkirkara għax-xogħol tal-fuħħar, San Pawl il-Baħar, Marsaxlokk u ż-Żurrieq għas-sajd. Snajja' żgħar oħra kienu tista' tgħid mifruxa ftit jew wisq ma' l-irħula kollha ta' dawn il-gżejjer. Hawn qiegħed nirreferi għal snajja' bħalma huma mastrudaxxi, ħaddieda, skarpar, bajjada u kaħħal, karretuniera, furnara, taħħana u ħaddiema ta' servizzi oħra biex jaqdu lill-ikbar tliet snajja' ta' dawn il-gżejjer: Il-Biedja, is-Sajd u l-Bini.

Il-pjanta arkitettonika tar-raħal antik Malti u Għawdxi kienet maħduma b'tali mod biex taqdi żewġ ħtiġijiet importanti: id-difiża tar-raħal u l-aspetti soċjali u s-snajja qodma ta' dari. Għalhekk, l-irħula ta' dawn il-gżejjer kienu magħmula minn għadd żgħir ta' djar madwar il-kappella tar-raħal u f'każ ta' ċentri kbar min għadd ta' toroq dojoq u sqaqien maħduma bħal labirint li min ma jaf sewwa faċli li jintilef fih. Din is-sistema ta' ppjanar ma kenitx waħda ta' pajjiżna biss. Infatti nsibu li l-bliet antiki tal-pajjiżi tal-Mediterran għandhom l-istess għamla ta' pjanta b'toroq dojoq mgħawġin u sqaqien li fihom il-barrani jista' faċilment jintilef.L-iskop kien wieħed: dak ta' difiża, biex il-barrani ma jkunx jista' jsib minfejn jaħrab malajr u fl-istess waqt in-nies tal-post ikollha ħin biżżejjed biex iddabbar rasha malajr minn kull periklu. Ħarsa lejn il-pjanta antika tar-Rabat ta' Għawdex wieħed jista' malajr jifhem kemm kienet ħ a ġ a ħafifa li n-nies tal-post jaħarbu k u l l periklu li jista' jinqalax u f l - istess ħin kemm kienet ħaġa tqila li wieħed islb minfejn għandu jgħaddi b'daqstant toroq dojoq u sqaqien jagħtu għal xulxin.

L-aspett reliġjuż jiddomina fuq kollox f'dawn l-inħawi. Fl-irħula qodma ta' Malta u Għawdex għandek issib għadd bla qies ta' niċeċ mal-faċċati tad-djar u l-aktar fil-kantunieri tat-toroq u l-isqaqien. Id-dawl inemnem quddiem l-istatwi ta' dawn in-niċeċ ma kienx biss iservi biex juri d-devozzjoni u l-qima li minn dejjem kellhom niesna lejn Kristu, il-Madonna u l-Qaddisin imma kien ukoll id-dawl waħdieni li kien jagħti ftit tad-dija fl-iljieli mudlama meta ma kienx hawn dawl elettriku u meta l gżejjer tagħna kienu jitkeffnu fi dlam taqgħtu b'sikkina. Il-kappelli u l-knejjes żgħar fl-irħula qodma tagħna huma wkoll ix-xhieda tar-reliġjożita' tal-poplu tagħna u l-patronaġġ tal-Madonna u l-qaddisin kif mistqarr min-nies ta' l-irħula tagħna matul is-sekli.

Il-bini tad-djar u l-irziezet qodma tagħna huma wkoll xhieda l-aktar ħajja tal- gosti arkitettoniċi ta' żmien l-imgħoddi. Fil-bidu, fl-aktar irħula żgħar kont issib irziezet jew għorof tipikament Maltin b'żewġt ikmamar fuq xulxin, setaħ żgħir u bitħa magħhom.Fil-bitħa kienu jitrabbew xi annimali. Iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, ir-razzett Malti beda jikber aktar u kellu l-għamla ta' dar

*ikompli f'paġna 38*



# SPORTS





## Partita football bejn it-team tal-Pulizija ta' Malta u team magħmul mill-*Guardia di Vigilanza* tal-Vatikan.

Nhar il-Gimgħa 3 ta' Ottubru 1997, it-team tal-football tal-Korp tal-Pulizija tal Malta lagħab logħba football mat-team tal-Guardia di Vigilanza tal-Vatikan fil-ground 'Victor Tedesco' fil-Ħamrun Qabel il-logħba ż-żewġ kaptani: għat-team tal-Pulizija Maltija P.S.509 John Lentini biddel rigal mal-kaptan tat-team tal-Pulizija Taljana li kienu jikkonsistu f'banner bl-arma tal-Korp rispettiv. Il-logħba, li kienet irrefjata mis-Sur Tonio Brigulio, kienet ferm pjaċevoli u ż-żewġ teamijiet ħarġu b'determinazzjoni li tal-inqas ma joħorġux telliefa. Fil-fatt it-team tal-Pulizija kellu bidu feliċi għaliex f'nofs l-ewwel taqsima mar fil-vantaġġ meta P.C.49 Jean Pierre Abdilla daħal tajjeb bejn difensur u l-goler biex bir-ras tefa fix-xibka. Għal-bqija tal-ewwel taqsima l-logħob kompla bilanċjat bit-team Taljan jipprova jikseb il-goal tad-draw pero' t-team tal-Pulizija Maltija ddefenda tajjeb biex l-iskor baqa jaqra 1-O favur it-team tal-Pulizija Maltija. Fil-perjodu tal-mistrieħ kien hemm wirja mit-Taqsima tal-klieb tal-Pulizija Maltija li ntlaqat tajjeb mill-pubbliku preżenti. Għat-tieni taqsima t-team Taljan kompla fejn ħalla fl-ewwel taqsima jipprova jġib il-goal tad-draw bit-team tal-Pulizija Maltija jkun ferm perikoluż f'diversi azzjonijiet tal-kontro attakk. Li ma kienx għal xi interventi tajbin tal-goler jew azzjonijiet moħlija mill-attakanti, t-team Malti kellu numru ta' okkażżjonijiet fejn ikabbar l-iskor fejn f'okkazzjoni minnhom laqat ukoll il-lasta l-mimduda minn free kick tat P.C.818 Joseph Farrugia. Kontra x-xejra tal-logħob it-team Taljan ġab id-





draw f'nofs it-tieni taqsima minn penalty wara li attakant tat-team Taljan twaqqa fil-kaxxa l-kbira minn P.C. 46 Charlo Casha. Il-logħba għalhekk spiċċat fid-draw ta' 1-1. Preżenti għall-logħba kien hemm ukoll diversi

*ikompli f'paġna 37* ➠







**Precast Concrete and Civil Engineering Works**

- BUILDING AND PAVING BLOCKS
- PRESTRESSED ROOF SLABS
- PRECAST CONCRETE BEAMS & COLUMNS
- T-BEAM & BLOCK FLOORS
- READY MIXED CONCRETE
- EXCAVATION EQUIPMENT
- PILING WORKS
- TRENCHING WORKS

**BALLUT BLOCKS LTD.**

Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar.
Tel: (356) 573093, 572666 Fax: (356) 575562.

**CHUBB**
**SAFES**
**CHUBB**
**ALARMS**




**CHUBB protects**
**WHEN YOU'RE OUT, WE'RE IN.**

**PHILIP TOLEDO LIMITED**

Notabile Road, Mriehel - Malta
Tel: 445566, 491525 Cables: Media - Malta
Tlx: 1649 Mw Fax: (356) 484316

# JUNIOR PHOTOGRAPHER OF THE YEAR 1997/98

Paul Mangion was born in Valletta 46 years ago. He now resides at San Gwann. He is married to Marthese and has a 22 year old son and a 17 year old daughter. He started photography in 1986 by taking family shots. He joined the Malta Photographic Society in 1993, from which he learned a lot. Paul started photography in possession of a Minolta XGM, and now changed into a NIKON FM2 with 5O mm F1.2 normal lens, a NIKKoR 35-105 mm F3.5 zoom lens, a SIGMA 7O-3OO mm F3.5 zoom lens and several creative filters and accessories. Since joining the club in 1993, he never looked back. Two years after joining the club he won "The Amadeo Buontempo Award" by scoring the highest points over all three sections, that is colour prints, colour slides and monochrome prints. He also won "The Antoine Bianchi Trophy" for being first in colour slides.

This year, Paul was once again rewarded for his creative works by winning several awards. He won the O & V Trophy" for his portfolio "Fruit", "The Varta Trophy" for placing first in the monthly competitions in colour prints, "The Custom Lab Trophy" for first place in colour slides for the second consecutive year and the progress award 1996/97 Sony Shield ( Junior Photographer of the year ). In the yearly competition ( Former Dunhill Competition ) although not rewarded, his works were always accepted and this is quite an achievement, considering the number of entries.



His ambition is to take part in the international competitions in the slide categories. We wish him every success for the future.

# SPORTS

ikompli minn paġna 35

diriġenti, uffiċjali u qraba tal-team tal-Guardia di Vigilanza. Wara l-logħba iż-żewġ teamijiet flimkien mal-Uffiċjali u qraba kienu mistiedna għall-riċeviment żgħir fil-Mess tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn l-Uffiċjali taż-żewġ naħat biddlu rigali tal-okkażżjoni u saru diskorsi ta' ringrazzjament.



Il-Kumitat Sports tal-Pulizija jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-pulizija għall-għajnuna tiegħu f'okkażżjoniet bħal dawn fejn bis-saħħa tagħhom jinbnew aktar relazzjonijiet tajbin ma'Korpi ta' Pulizija barra pajjiżna. Lis-Sur Cremona mill-ambaxxata tal-Holy See li bis-saħħa tiegħu dan l-avveniment seta jseħħ. Lis-Sur Victor Tedesco li offra l-faċilitajiet tal-ground tal-Ħamrun. Lill-membri tas-Sezzjoni tal-Kelb tal-Pulizija għal-wirja li taw fil-ground u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw kontribut tagħhom biex din il-logħba tkun suċċess.

ikompli minn paġna 34

# IL-QALBA TAR-RAĦAL QED TĦABBAT.......

iffortifikata, jigifieri bitħa kbira fin-nofs, imqawel dawramejt, xi remissa fejn jitqiegħed il-karrettunn, is-setaħ li titla' għalih b'taraġ mikxuf u l-għorof fuq. Fost il-kmamar ta' fuq kien ikun hemm il-kċina li kienet tkun kamra żgħira maqtugħa għaliha weħida billi fl-antik kienu jsajru bil-ħatab u l-kamra tal-ġbejniet fejn kienu jdendlu l-qannić biex jitnixxfu l-ġbejniet. Fuq wara ir-razzett, aktarx, għalkenm mhux dejjem, kien ikollu wkoll il-mandra.

Imma fl-irħula l-kbar fejn wieħed kien isib nies li m'humiex bdiewa, allura hawn hekk djar sinjorili bdew jieħdu post ir-razzet. Dawn id-djar aktarx kien ikellhom strata, kamra jew aktar laterali, għorfa kbira fuq bil-gallerija għal barra u li kont titla' għaliha minn taraġ, minn ġewwa. Il-galleriji ta' dawn id-djar ħafna drabi kienu jkunu tassew artisiċi u fil-poġġaman tagħhom kien jkollhom minquxa għeliem li juru ż-żmien ta' meta saru: slaleb tal-Kavalieri, l-istilel ta' Garzes, il-fjurdilis ta' Wignacourt, il-kukkarda ta' Zondadari, in-nofs qamar ta' Pinto, balavostri, għeliem reliġjużi, u għeliem naturali bħal fjuri, weraq, u mazzettuni.

Fil-qalba tar-raħal kien ikun hemn il-ħwienet kemm biex jinlbiegħu l-affarijiet meħtieġa mill-poplu u ħwejjeġ ta' l-ikel, kif ukoll fejn isir ċertu xogħol bħal ngħidu aħna xogħol tal-ħjata, ta' l-iskarpar, tal-landier, tas-sellar, tal-pasturi u ta' l-istatwetti, u xogħlijiet ta' arġenterija u ġojjelliera. Il-ħwienet tal-merċa, ta' l-inbid u l-fran kienu l-postijiet fejn n-nies kienet tiltaqa' u titkellem fuq l-aħħar aħbarijiet. Fit-truf tar-raħal wieħed kien isib il-maħżen fejn kienu jsiru xogħlijiet aktar tqal bħal dawk ta' l-injam - mastrudaxxi u karpentiera, tal-ħaddieda - tal-għodod u tan-nagħal, tal-karrettuni, u oħrajn, iżda billi raħal kien dejjem jespandi, għalkemm bil-mod, biż-żmien dawn il- ħwienet tax-xogħol sabu ruħhom ukoll fil-qalba ta' l-irħula tagħna.

Il-ħwienet tax-xogħol ta' l-irħula tagħna dari ma kienu jdejqu lil ħadd. Ir-raġuni hi li x-xogħol kien isir kollu b'idejn. Ma kinux jeżistu magni tqal ta' l-elettriku li barra l-ħsejjes insopportabbli li jagħmlu jixorbu wkoll l-energija elettrika tal-linji ta' l-inħawi. Il-ħwienet tax-xogħol fil-qalba tar-raħal kienu wkoll jispiraw liż-żgħażagħ ta' l-imgħoddi liema karriera għandhom jaqbdu. Is-servizz ta' *guidance* għaż-żgħażagħ dari ma kienx jeżisti. Iż-żagħżugħ kien sempliċement jidħol jaħdem bħala apprendist ma' xi mgħallem tar-raħal, dejjem b'paga baxxa ħafna, u mbagħad meta jitkisser fis-sengħa, jiftaħ għal rasu u jiġi aċċettat minn sħabu bħala bniedem li jista' jipprattika dik is-sengħa. M'għandix għalfejn hawn noqgħod nidħol fid-dettal kif dari ħaddiem tas-sengħa kien jingħaqad mal-fratellanza tal-qaddis protettar tas-sengħa tiegħu, iżda nsemmi biss dan il-fatt għaliex dari n-nies tas-sengħa kellhom ukoll il-għaqdiet tagħhom bir-regolamenti ħalli jkunu jistgħu jħarsu aħjar l-interessi tagħhom.

Id-dehra tal-ħajja fil-qalba tar-raħal ta' dari kienet ferm differenti minn dik ta' llum. It-toroq kienu bla traffiku xejn ħlief ta' xi karettuni miexi bil-lajma, ieħor ibigħ kull xorta ta' merkanzija ta' ħieġa għaddar, inkella dak tas-sennien u l-landier li kien isinn is-skieken u jsewwi kull xorta ta' borom u reċipjenti oħra mitqubin, jew tal-ħobż b'dik il-kaxxa mdaqqsa ta' l-injam mimlija ħobż b'riħa taqsam u li tiflaħlek qalbi. Mill-bqija, tfal jilagħbu u jaqbżu, mogħoż u ngħaġ tar-raħħal li kien igħaddi jbigħ il-ħalib, f'xi pjazzetta, t-tjur kienu jitħallew jiġru fit-triq bħalli kieku t-triq kienet xi bitħa, u fil-għaxija l-kebbies tal-fanali jidher għaddej bis-sellum fuq spalltu biex idawwal it-toroq b'dawl inemnem ġo fanal tipiku ta' erba' faċċati tal-ħġieġ. Fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata wieħed kien jista' jara bosta nisa u rġiel iġorru l-ilma f'kull xorta ta' reċipjenti bħal buqan u bramel mill-ispiera jew għajn tar-raħal, inkella aktar qrib lejna mill-vitiet pubbliċi li kienu mxerrda mat-toroq tar-raħal kollu. Tiskantawx, dehra bħal din wieħed kien jista' jaraha f'inqas minn mit sena ilu. Minkejja li din id-dehra nostalġika għandha mnejn issaħħar lin-nies ta' żmienna, iżda kien hemm fattur wieħed li kien negattiv: il-mard li kien jaħkem ta' spiss lill-irħula tagħna minħabba n-nuqqas ta' iġenè li dari kien jeżisti f'pajjiżna u b'xorti ħażina l-mard kien jagħmel ħerba akbar fost it-trabi u t-tfal.



Minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-hawn din il-ħajja antika ta' dari bdiet titbiddel. In-nies bdiet taqla aktar flus, bdiet titgħallem, tdiet tfittex il-kumdita'. Il-karrozzi bil-mod il-mod, imma bl-aktar mod żgur, invadew it-toroq li ma baqgħux iktar it-teatu tal-logħob għat-tfal tagħna, lanqas il-bitħa fejn jiġġerrew it-tjur u l-mogħoż tar-raħal. Il-vitijiet pubbliċi u l-egħjun għebu fix-xejn. In-nies bdiet tirranġa darha, tagħmel il-kamra tal-banju, daħħlet id-dawl elettriku u hekk ukoll spiċċaw il-lampi tal-pitrolju u l-fanali mit-toroq. Mad-dħul tat-televiżjoni u żjieda kollaterali tat-traffilku ntemm għal kollox il-logħob folkloristiku tat-tfal fit-toroq. Imma dan kollu ma qeridx il-ħajja fil-qalba ta' l-ibliet.

ikompli f'paġna 40


HOOVER
LOW SPIN AUTOMATICS
Ideal for those who want a quality machine but do not demand fast drying. They treat your washing with care and are extremely economical.
TOP LOADERS
Outstanding wash performance coupled with top class environmental and cost saving performance. 35% reduction in water consumption and only 40cm wide.
DELTA HOMECENTRES
The new generation of washing machines
ALWAYS THERE TO HELP YOU!
A Member of MIZZI ORGANISATION
B'KARA • GZIRA • HAMRUN • MOSTA • PAOLA • VALLETTA

ikompli minn paġna 38

# IL-QALBA TAR-RAĦAL QED TĦABBAT.....

Mat-tqassim ta' l-enerġija elettrika fl-ibliet u l-irħula tagħna, n-nies tas-sengħa, l-aktar il-mastudaxxi u l-ħaddieda, bdew idaħħlu magni tqal li jagħmlu ħafna ħsejjes u jixorbu l-enerġija. Hawn beda l-inkwiet. Il-kwistjonijiet mal-ġirien ma kienx ftit u ħafna drabi kien jispiċċaw billi r-raġel tas-sengħa kien imur jarma banda oħra inkella r-residenti jwarrbu biew imorru joqogħdu f'postijiet aktar kwieti. Ċerti snajja tradizzjonali bdew imutu l-mewta naturali. Ix-xogħol tas-sellar, tas-sennien, tal-landier u ta' l-iskarpar, biex inkun semmejt xi eżempji beda jonqos. Dan ġara, fil-każ tas-sellar, għaliex il-bhejjem tat-tagħbija bdew jonqsu u flokhom daħlu kull xorta ta' vetturi tan-nar bħal vannijiet, u trakkijiet. Fil-każijiet l-oħra daħlet is-sistema tad-disponiment ta' l-oġġett wara li jintuża minflok wieħed joqgħod isewwi fih kemm minħabba l-għoli tax-xogħol inkella għaliex ċerti konteniturі moderni bħal borom kzazel u reċipjenti simili magħmulin mill-aluminju jservu wisq iżjed minn dawk tal-landa.

Dawn l-aħħar tletin sena, mbagħad komplejna naraw esodu sħiħ ta' nies mill-qalbiet antiki tal-bliet u l-irħula tagħna minħabba li n-nies bdiet tipprefexi tibni d-dar ġdida f'xi Skema tad-Djar kemm tal-Gvern kif ukoll tal-privat. Mil-lat ekonomiku ż-żgħażagħ bdew isibu li kien jaqblilhom jibnu dar ġdida, komda u moderna, u kif iridu huma, milli joqogħdu jaħlu flushom li ħafna drabi jissellfuhom b'imgħax mħux żgħir, ħalli jsewwu u jirranġaw xi dar qadima li kif igħid il-Malti, tirranġa kemm tirranġa, dejjem tibqa' qadima. Għalhekk illum il-gurnata għandna ħafna rħula f'Malta u Għawdex li t-tfal u l-familji żgħar aktar jinsabu fil-periferiji milli fil-qalba tal-lokal. Il-ftuħ tas-supermarkets jew ħwienet kbar komplew taw daqqa ta' ħarta lill-qalba tal-bliet u l-irħula tagħna bl-għeluq tal-ħwienet iż-żgħar. Spiċċaw il-ħafna fran żgħar li kien hawn jaħdmu bil-ħatab. Għalqu biex qatt ma jerġgħu jiftħu. Spiċċaw il-ħwienet ta' l-imbid ta' dari u flokhom għandna s-swali tad-dis-cos f'postijiet imbiegħda. Saħansitra s-swali tat-Talkis li f'xi postijiet kienu ferm popolari spiċċaw bies għalqu u llum bdew jiftħu f'postijiet oħra mbiegħda.

Nerġa' mmur lura għal żmien is-sittinijiet. Dan kien żmien il-boom tal-bini. Ħafna postijiet antiki ġew imwaqqgħa u mibnija mill-ġdid, iżda bil-miġja tal-barranin fostna: il-Maltin u l-Għawdxin ndunaw li fil-bini antik tagħhom kien hemm teżor. Ħafna barranin bdew jaraw li l-istil antik tal-bini tagħhom kien wieħed tassew affaxxinanti u għalhekk bdew jippreferu li jixtru djar antiki rinnovati milli xi flat jew xi dar ġdida. Minħabba dan ħafna bini antik beda jaqa' f'idejn xi koppja barranija mdaħħla fiż-żmien u bla tfal. Dan il-proċess li kien beda bil-kbir f'dawn iż-żminijiet baqa sejjer, kultant imajna u kultant jerga' jieħu r-ruħ. Laqat ħafna l-akar postijtet żgħar f'Għawdex bħall-Għarb u l-Għasri li spiċċaw tista' tgħid irħula ddomnati mill-barranin bil-popolazzjoni lokali dejjem tonqos u tiċkien.

Dan il-proċess għadu sejjer fiż-żewġ gżejjer. Imma fil-każ ta' Għawdex issa qiegħed jiġri li l-Maltin qegħdin jikkupjaw lill-barranin għaliex dawk li jistgħu qegħidin jixtru proprjeta' f'Għawdex fejn ikollhom il-kumdita' kollha biex jiġu jqattgħu l-vakanzi f'Għawdex meta jridu u kif iridu; Id-djar kbar u antiki aktarx jinxtraw minn dawk li jkunu jifilħu jħallsu kemm għall-akkwist tal-proprjeta' kif ukoll għall-irrinovar u l-manutenzjoni tagħha. Dan kollu b'xi mod inaqqas il-ħajja normali f'lokal għaliex min ikollu propjeta' bħal din ma jkunx qiegħed juzaha l-ħin kollu, anzi aktar iva milli le tagħmel xħur sħaħ magħluqa.

Hawnhekk ma rridx nagħti wieħed x'jifhem li l-qalba tal-bliet u l-irħula tagħna issa ġiet bħal ċimiterju jew xi post okkupat mill-barranin. Kieku verament wasalna f'dan l-istat, kieku kien ikollna biex ninkwetaw. Meta ċ-Ċittadella ta' Għawdex sfat abbandunata, spiċċat bħal barriera fejn kulmin lkien ikollu bżonn xi xorok jew ġebel ieħor, kien jitla' sa hemm fuq u jisraq kemm irid bla ma jkellmu ħadd. Ma nemminx li l-qalba ta' l-irħula tagħna tista' tmissha l-istess xorti għaliex illum il-propjeta' tiswa ħafna flus u n-nies tgħallmet li l-antik mhux bilfors għandu jitwaqqa' jew jitħalla fi stat ta' abbandun. Iżda l-periklu li wieħed iwaqqa' l-qadim biex jibni l-ġdid kien qiegħed dejjem hemm u għalhekk saret il-liġi ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar biex dak li hu antik u ta' preġju fih innifsu jiġi konservat.

Iżda l-konservazzjoni ma ssirx billi wieħed sempliċement jistaġna l-iżvilupp. Il-konservazzjoni ssir billi jsir pjan ta' azzjoni biex il-qalba tar-raħal issirilha manutenzjoni xierqa, rijabilitazzjoni ħalli terġa' tiġi popolata minn familji żgħażagħ, u propaganda turistika biex il barranin iżuru postiiiet bħal dawn. Irridu ninsew li l-attrazzjonijiet turistiċi tal-gżejjer tagħna huma biss it-tempji preistoriċi tagħna u l-bini storiku li ħallew warajhom il-Kavalieri ta' San Ġwann. Iċ-ċentri storiċi u antiki ta' l-irħula tagħna għandhom is-sabiħ, il-preġju u l-interess tagħhom meta dawn ikunu rranġati u mogħtija d-dehra oriġinali tagħhom nieqsa għal kollox minn dak li daħal żejjed u kerrah l-ambjent matul iż-żmien bħalma huma wires u fili ta' l-elettriku, fanali stil modern bla bżonn,toroq imħarbtin, u faċċati ta' djar sfigurati b'kull xorta ta' alterazzjonijiet u tabelli. L-ambjent qadim tal-qalba ta' l-irħula tagħna għandu seħer fuq it-turist, speċjalment ta' dak li jkun ġej minn pajjiżi ta' l-Ewropa ta' fuq, għaliex għandu dehra kompletament differenti minn dik li soltu jara f'pajjiżu. B'xorti ħażina ħafna Maltin u Għawdxin dan il-fatt ma jifhmuħx mill-ewwel u għalhekk mhux dejjem jagħtuh importanza

Il-Kunsilli Lokali ta' l-irħula tagħna għandhom jiġu inkoraġġiti biex jagħmlu xogħlijiet ta' konservazzjoni u rijabilitazzjoni fil-qalba ta' l-irħula tagħhom. Wieħed għandu wkoll jinkoraġġixxi attivitajiet kulturali fl-inħawwi antiki ta' kull belt u raħal u li t-turisti jittieħdu jaraw postijiet bħal dawn bit-toroq dojoq tagħhom, dawl in-niċeċ antiki, il-kappelli u l-knejjes żgħar tagħhom, id-djar qodma, il-palazzini żgħar li nsibu mxerrda 'l hawn u 'l hemm bil-faċċati u l-galleriji ħelwin tagħhom u li minn jaf kemm ngħaddu minn quddiemhom kuljum bla ma nagħtu każhom. Ħwienet fejn jista' jinħadem artiġġjanat bl-idejn u li ma jdejjaq 'il ħadd għandhom jiġu inkoraġġiti f'dawn l-inħawi għaliex huma intapriżi u attivitajiet bħal dawn li jagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-qalba antika ta' kull raħal, Wieħed għandu wkoll fejn jista' jrazzan bla ma joħnoq għal kollox it-traffiku mill-qalba tar-raħal biex kemm jista' jkun jitnaqqas ukoll it-tniġġis li ħafna drabi jifga t-toroq dojoq bi dħaħen velenużi li aktar iva milli le huma wkoll waħda mill-kawżi għala nħawi bħal dawn illum qegħdin jiġu abbandunati.

Jekk il-qalba l-antika ta' l-irħula tagħna tingħata dehra ġdida, ħajja ġdida, kwieta imma mhux mejta għal kollox, importanza turistika u kulturali, u tkun reklamata bħala alternattiva ideali għal residenza fil-kwiet u ambjent tipikament Malti, allura għandna nserrħu rasna li postijiet bħal dawn mhux talli ma jmutux imma jkomplu jilagħbu parti mill-aktar importanti fil-ħajja soċjali-ta' dawn il-gżejjer.


MEDORO
"Medoro Bar"
in Elm Burr Walnut
in perfect synthesis
with its surroundings
fino
C. FINO + SONS LTD
Mrichel
fino GROUP




ESTABLISHED 1894

CAPT. A. CARUANA

SOLE AGENTS: CAPTAIN A. CARUANA LTD. REPUBLIC STREET, VALLETTA. TEL: 246202/245903.